32006D0927

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Diċembru 2006

li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossiers li tressqu għal eżaminazzjoni dettaljata bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli tal- fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6457)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/927/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprevedi għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Dossier għas-sustanza attiva ġie sottomess minn *Bayer CropScience AG*, lill-awtoritajiet tal-Greċja fit-30 ta' Marzu 2006 b'applikazzjoni sabiex tikseb l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet tal-Greċja indikaw lill-Kummissjoni li, fuq eżaminazzjoni preliminari, id-dossier għas-sustanza attiva kkonċernata jidher li jissodisfa l-kriterji tad-*data* u l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dossier li tressaq jidher li jissodisfa l-kriterji tad-*data* u l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih hemm is-sustanza attiva kkonċernata. F'konformità ma' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossier kien tressaq sussegwentament mill-applikant għand il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħrajn, u kien referut lill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) Permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi formalment ikkonfermat fuq livell Komunitarju li d-dossier għandu jitqies li fil-prinċipju huwa f'konformità mal-kundizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipulati fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III taad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tippreġudika d-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant iressaq aktar *data* jew informazzjoni sabiex jiċċara ċerti punti fid-dossier.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossier li jikkonċerna s-sustanza attiva identifikata fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, li tressaq lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-viżjoni li tinkiseb l-inklużjoni ta' din is-sustanza fl-Anness I ma' dik id-Direttiva, għandu jissodisfa fil-prinċipju l-kundizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipulati fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

Id-dossier jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipulati fl-Anness III ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, billi jitqiesu l-użi proposti.

Artikolu 2

L-Istat Membru *rapporteur* għandu jsegwi l-eżaminazzjoni fil-fond tad-dossier ikkonċernat u għandu jirrapporta l-konklużjonijiet mill-eżaminazzjonijiet tiegħu flimkien ma' xi rakkomandazzjonijiet għall-inklużjoni jew le fl-Anness I tad-Direttiva 91/44/KEE tas-sustanza attiva kkonċernata u kull kundizzjoni relatata magħhom lill-Kummissjoni Ewropea malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/75/KE (ĠU L 248, 12.9.2006, p. 3).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Diċembru 2006.

Ghall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

IS-SUSTANZA ATTIVA KKONĊERNATA B'DIN ID-DEĊIŻJONI

Nru	Isem Komuni, Numru ta' l-Identifikazzjoni	L-applikant	Id-data ta' l-applikazzjoni	Stat Membru *Rapporteur*
1	FlubendiamideIn-Nru CIPAC. għadu ma ġiex allokat	Bayer CropScience AG	30 ta' Marzu 2006	EL